**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 23 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 158/2024JVC**

**Josephine Micallef (KI: 248149)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Josephine Micallef talbet kif isegwi:

i. 'Illi l-esponenti zzewget lill Santo Arciola nhar l-erba u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tminja u tmenin

(24.11.1988) fil-Knisja parrokjali ta' San Pawl il-bahar gewwa San Pawl il-bahar, Malta;

ii. Illi Santo Arciola, ghadda ghal hajja ohra nhar il-hmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (15/06/2023);

iii. Illi meta l-esponenti marret biex tiddenunzja l-mewt tar-ragel, sar zball fl-Att tal-Mewt fejn ikun mnizzel l-isem u l-kunjom tal-parti l-ohra fiz-zwieg;

iv. Illi fl-Att tal-Mewt bin-numru 2345 (anness u mmarkat bhala Dok JM 1), il-kunjom tal-esponenti gie mnizzel bhala Josephine Arciola nee Micallef u mhux Micallef;

v. Illi fil-fatt, kif jirrizulta mill-kopja tal-karta tal-identita (annessa u mmarkata bhala Dok JM 2) u mic-certifikati taz-zwieg (annessi u mmarkati bhala Dok JM 3, Dok JM 4 u Dok JM 5), l-esponenti dejjem hija indikata bil-kunjom Micallef;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment titlob, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna l-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termni tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tal-mewt ta' Santo Arciola bin-numru 2345 tas-sena 2023 u fuq kull att iehor fejn Josephine Micallef mhijiex indikata bil-kunjom Micallef, b'dan li kull fejn kunjom Josephine jidher miktub 'Arciola nee

Micallef' ghandu jigi mhassar u sostitwit bil-kunjom 'Micallef', u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

3. Tordna ghall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien stipulat f'dan l-Artikolu, hu jigi ordnat sabiex jaghmel it-tidiliet mehtiega fl-att tal-mewt msemmi fil-paragrafi precedent;

4. Taghti kwalukwe provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportune skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu min issa ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti:

a. Skont l-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv **2140/1988** (anness u mmarkat **Dok. DRP1**), ir-rikorrenti jidher illi żżewġet lil 'Santo ARCIOLA' ġewwa Malta nhar l-24 ta' Novembru 1988 u skont il-liġi in vigore f'dak iż-żmien hija kellha tadotta kunjom żewġha ossia 'ARCIOLA';

b. Skont l-Att tal-Mewt bin-numru progressive 2345/2023 (anness u mmarkat **Dok. DRP 2**), jidher li r-rikorrenti bħala l-mara tal-kompjant żewġha hija ndikata bħala 'Josephine ARCIOLA *at birth* MICALLEF' u dan skont in-notifika tal-mewt iffirmata minnha stess li ġiet proċessata tramite l-kummisjonat 'Bray Funeral Services'. In oltre, tali dettalji jqablu mal-Att taż-Żwieġ sopraċitat u għalhekk ċertament ma jistax jingħad illi sar xi żball min-naħa tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

4. Illi r-rikorrenti tisħaq illi hija qatt ma użat il-kunjom ta' żewġha Arciola u kien biss biż-żball tal-Kummisjonant illi fuq l-Att tal-Mewt ġiet imniżżla bħala "Josephine Arciola *at birth* Micallef" (sive Affidavit ta' Lawrence Gialanze' anness mar-rikors promotur);

5. Illi dwar it-talbiet, l-esponent jirrimetti ruħu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u salv illi l-Qorti tkun sodisfatta illi l-attriċi wara ż-żwieġ baqgħet dejjem tuża l-kunjom "Micallef" u mhux "Arciola";

6. Illi speċifikament dwar l-Atti l-oħrajn imsemmija fit-tieni talba, ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet

ta' Malta, ir-rikorrenti għandha speċifikament telenka fit-talbiet, liema atti jridu jiġu korretti bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed;

7. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 16 u 17 tal-proċess.

Rat illi l-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u talbu li din il-Qorti tghaddi ghad-deċizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat partikolarment il-karta tal-identita' Maltija tar-rikorrenti li effettivament turiha bl-isem "Josephine" u bil-kunjom "Micallef". Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ maħruġ mill-komun ta' Catania li jindika li ż-żwieġ seħħ Malta.

Rat l-affidavit ta' Josephine Micallef illi fih tiddikjara illi meta hija żżewġet dejjem żammet il-kunjom "Micallef" u qatt ma użat il-kunjom Arciola. Rat illi dan ġie kkonfermat illum in kontro-eżami mill-istess rikorrenti. Irriżulta mill-istess xhieda tar-rikorrenti illi effettivament hija ġiet Malta biss sabiex tiżżewweġ il-bqija dejjem għexet fl-Italja. Rat illi fl-istess xhieda kkonfermat ukoll illi taf illi fl-Italja meta jiżżewġu kull parti żżomm kunjomha.

Rat l-affidavit ta' Lawerence Gialanze li wkoll ikkonferma illi r-rikorrenti dejjem baqgħat tuża l-kunjom "Micallef" anke wara ż-żwieġ.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dawk il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att tal-mewt ta' Santo Arciola bin-numru 2345 tas-sena 2023 u fuq kull att iehor fejn Josephine Micallef mhijiex indikata bil-kunjom Micallef, b'dan li kull fejn kunjom Josephine jidher miktub 'Arciola nee Micallef' għandu jiġi mħassar u sostitwit

bil-kunjom 'Micallef', u dan għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

4. Tilqa' t-tielet talba w tordna għall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u fiż-żmien stipulat f'dan l-Artikolu, u qed tordnalu sabiex jagħmel it-tidiliet meħtiega fl-att tal-mewt msemmi fil-paragrafi preċedenti;

**5.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Mejju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**23 ta' Mejju 2024**